C/2025/2130

8.4.2025

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta fis-settur tal-inbid skont l-Artikolu 97(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2025/2130)

Fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti f'pajjiż terz, tista' tirrappreżenta, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), proċedura ta' oppożizzjoni mal-Kummissjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA TAL-UNJONI TAL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT

"Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda / Manzanilla"

PDO-ES-A1482-AM05

Data tal-applikazzjoni: 28.11.2023

1. **Applikant u interess leġittimu**

Consejo Regulador de las Denominaciones de Origen Protegidas "Jerez-Xérès-Sherry", "Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda" y "Vinagre de Jerez" [Bord Regolatorju għad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti Jerez-Xérès-Sherry, Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda u Vinagre de Jerez]

Il-Bord Regolatorju huwa l-korp maniġerjali għad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti Jerez-Xérès-Sherry, Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda u Vinagre de Jerez f'konformità mal-Ordni tat-12 ta' Frar 2018 tal-Ministeru Reġjonali għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Iżvilupp Rurali. Skont l-Artikolu 21(2)(a) tal-Liġi 10/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 dwar il-protezzjoni tal-oriġini u tal-kwalità tal-inbid fl-Andalusija, huwa responsabbli biex jipproponi emendi tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott.

2. **Intestatura fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott affettwata mill-emenda/i**

☒ Isem il-prodott

☒ Kategorija tal-prodott tad-dwieli

☒ Rabta

☐ Restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni

3. **Deskrizzjoni u raġunijiet għall-emenda**

3.1. *Inklużjoni ta' ismijiet protetti ġodda*

It-Taqsima A (Isem protett) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, il-punt 1 (Isem protett) tat-Taqsima A (Dettalji obbligatorji) tal-Anness 3 (Tikkettar tal-inbejjed protetti mid-denominazzjoni Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-Taqsima 1 (Isem/ismijiet) tad-Dokument Uniku ġew emendati biex jinkludu l-ismijiet Manzanilla de Sanlúcar de Barrameda u Manzanilla de Sanlúcar bħala ismijiet protetti.

Sabiex jiġi pprovdut rikonoxximent aktar ċar tal-oriġini tal-inbid u jiġu estiżi l-għażliet ta' referenza għad-denominazzjoni ta' oriġini għal dawk użati b'mod komuni fil-lingwaġġ ta' kuljum, li lkoll jorbtu l-isem Manzanilla mal-oriġini ġeografika.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

3.2. *Inklużjoni ta' kategorija ġdida ta' prodotti*

It-Taqsima B (Deskrizzjoni tal-inbid) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-Taqsimiet 3 (Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli) u 4 (Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed) tad-Dokument Uniku ġew emendati biex jinkludu l-kategorija tal-prodotti tad-dwieli "Inbid" flimkien mal-kategorija eżistenti "Inbid likur".

It-Taqsima B.1 (Tipi ta' nbid) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet emendata biex tinkludi l-kategorija 1, "Inbid", li taqra kif ġej:

"I. Inbid. Dawk inklużi fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 jew kwalunkwe liġi li tissostitwih."

It-tqawwija tal-inbid (iż-żieda tal-alkoħol) huwa teknika enoloġika li permezz tagħha l-produtturi jidderieġu t-tqaddim tal-inbejjed lejn dak li huwa magħruf bħala tqaddim bijoloġiku (b'volum ta' 15 % jew ftit ogħla, sabiex tinżamm il-"flor").

Fil-każ ta' tqaddim bijoloġiku, il-livell minimu ta' 15 % tal-volum huwa ġġustifikat ukoll mill-ħtieġa li jiġi żgurat li l-inbejjed ikunu protetti kontra l-kontaminazzjoni batterika, li huwa riskju reali minħabba l-kundizzjonijiet mikroklimatiċi tipiċi taż-żona u l-fatt li l-btieti jrid ikun fihom l-ossiġenu, peress li l-ħmira "flor" hija aerobika.

Il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima jfissru li, fil-preżent, l-inbejjed spiss jilħqu qawwa naturali ta' kważi 15 % tal-volum jew saħansitra ogħla wara l-fermentazzjoni. Dan, flimkien mal-użu tal-prattika tradizzjonali tal-"asoleo" (it-tnixxif tal-għenieqed fix-xemx wara l-ħsad) ifisser li l-most jista' jilħaq il-qawwiet minimi meħtieġa għall-proċessi ta' tqaddim deskritti mingħajr ma jkun teknikament meħtieġ it-tqawwija tal-inbid.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' tqawwija tal-inbid instab li ma għandu l-ebda impatt fuq il-karatteristiċi organolettiċi tal-inbejjed kif deskritti fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

3.3. *Emenda tar-rabta bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' prodotti*

L-ewwel paragrafu tat-Taqsima G (Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità tal-inbejjed) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġie emendat biex jaqra kif ġej:

"Il-karatteristiċi tal-prodotti protetti huma influwenzati ħafna mill-fatturi naturali u umani li jikkaratterizzaw iż-żona ġeografika li minnha joriġinaw il-prodotti. Il-prodotti fil-kategorija 1 'Inbid' u dawk taħt il-kategorija 3 'Inbid likur' għandhom l-istess rabta mal-oriġini tagħhom, peress li d-differenza bejniethom hija limitata għal jekk tintużax jew le l-prattika enoloġika tradizzjonali tat-tqawwija tal-inbid, li f'ċerti nbejjed protetti tista' tiġi sostitwita b'tekniki tradizzjonali oħra bħal 'asoleo' (tnixxif fix-xemx) biex jinkisbu l-livelli ta' qawwa alkoħolika meħtieġa għal kull tip ta' nbid."

B'hekk, ġiet inkluża referenza għall-kategorija "Inbid" fit-Taqsima 8 (Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet) tad-Dokument Uniku.

It-test isir konformi maż-żewġ kategoriji ta' prodotti msemmija fit-Taqsima B (Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

It-test isir konformi maż-żewġ kategoriji ta' prodotti msemmija fit-Taqsima B (Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

3.4. *Limitazzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti nbejjed*

It-Taqsima H (Rekwiżiti oħra applikabbli) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet emendata biż-żieda tas-subtaqsima li ġejja:

"H.5. Inbejjed użati għall-istaġjunar ta' krietel ġodda.

L-inbejjed li jkunu ntużaw biex jiġu staġjunati krietel ġodda li, wara li jiġu staġjunati, mhumiex se jiġu inkorporati fis-sett permanenti ta' reċipjenti fis-sistema 'crianza' għad-denominazzjoni ta' oriġini Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda, taħt l-ebda ċirkostanza ma huma adattati għall-produzzjoni ta' Manzanilla."

Din il-kundizzjoni trid tiġi inkluża fil-prattiki tal-produzzjoni biex jiġi evitat li jkun hemm eċċess ta' komponenti mill-injam il-ġdid li jbiddlu l-karatteristiċi organolettiċi u fiżikokimiċi tal-inbejjed protetti.

3.5. *Bidla fir-regoli li jirregolaw it-terminu "Reserva"*

Il-punt f tat-Taqsima 5 (Termini dwar l-età) tal-Anness 3 (Tikkettar tal-inbejjed protetti bid-denominazzjoni Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġie emendat biex jaqra kif ġej:

"f. It-terminu 'Reserva' jew termini simili oħra jistgħu jintużaw għall-inbejjed b'perjodu ta' tqaddim imtawwal fil-każ tal-kategorija 3, 'Inbid likur'. Fil-każ tal-kategorija 1, 'Inbid', dan it-terminu jista' jintuża biss jekk jifforma parti mit-trade mark irreġistrata mill-fabbrika tal-inbid u sakemm it-trade mark tkun ġiet irreġistrata qabel l-ewwel pubblikazzjoni eżistenti tar-regoli li jirregolaw it-terminu 'Reserva'."

It-test isir konformi maż-żewġ kategoriji ta' prodotti msemmija fit-Taqsima B.1 (Tipi ta' nbid) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda / Manzanilla / Manzanilla de Sanlúcar de Barrameda / Manzanilla de Sanlúcar

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' oriġini protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3. Inbid likur

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb, għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

4.1. *Inbejjed*

L-inbejjed protetti bid-denominazzjoni ta' oriġini Manzanilla-Sanlúcar de Barrameda, tradizzjonalment magħrufa bl-isem inbejjed Manzanilla, huma nbejjed "generoso" (imqawwija) li l-karatteristiċi tagħhom huma r-riżultat tal-proċess partikolari ta' maturazzjoni bijoloġika mwettaq fuq perjodu ta' mill-inqas sentejn mill-kantini tal-inbid li jinsabu fil-muniċipalità ta' Sanlúcar de Barrameda.

Karatteristiċi organolettiċi:

Dehra: ċara, bi sfumaturi li jvarjaw minn isfar lewn it-tiben għal ambra.

Aroma: l-inbid irid ikollu mill-inqas tnejn mill-aromi li ġejjin speċifiċi għat-tqaddim bijoloġiku: fjuri bojod, ġewż jew ħmira (għaġina tal-ħobż friska). Jista' jkollu wkoll noti ta' injam fin li jkun ġie staġjunat bl-inbid.

Togħma: xotta, b'sensazzjoni mielħa fil-ħalq; tista' tkun kemxejn aċiduża u morra.

Il-karatteristiċi emblematiċi tagħhom jirriżultaw mill-fatt li l-proċess kollu tal-maturazzjoni jsir taħt saff jew kisja ta' ħmira "flor".

Dawn l-inbejjed irid ikollhom kontenut ta' zokkor ta' inqas minn 4 grammi għal kull litru u qawwa alkoħolika ta' mill-inqas 15 % tal-volum iżda mhux aktar minn 17 % tal-volum.

* Il-parametri analitiċi mhux definiti jridu jikkonformaw mal-limiti legali.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	15
Aċidità totali minima	
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

4.2. *Inbejjed likuri*

Il-prodotti kollha tal-kategorija 3, "Inbid likur", għandhom l-istess karatteristiċi analitiċi ġenerali u organolettiċi tal-kategorija 1, "Inbid".

* Il-parametri analitiċi mhux definiti jridu jikkonformaw mal-limiti legali.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	15
Aċidità totali minima	
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

a. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

L-intitolament għall-produzzjoni ta' nbejjed koperti minn din id-denominazzjoni huwa limitat għal 70 litru ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb.

Il-ħażniet kollha tal-inbid li jkunu qed jiġu mqaddma jridu jinħażnu fi btieti tal-ballut li jesgħu mhux aktar minn 1 000 litru. L-inbejjed kollha jrid ikollhom età medja minima ta' sentejn sabiex ikunu eliġibbli għar-rilaxx.

L-inbejjed likuri jistgħu jiġu mqawwija bl-ispirtu tal-għeneb fi kwalunkwe punt fil-proċess tal-produzzjoni u tat-tqaddim.

Is-sulfat tal-kalċju jista' jiġi miżjud mal-inbejjed likuri għal finijiet ta' aċidifikazzjoni fil-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli.

b. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

11 428 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona ġeografika demarkata tinkludi l-art li tinsab fil-muniċipalitajiet ta' Sanlúcar de Barrameda, Jerez de la Frontera, El Puerto de Santa María, Trebujena, Chipiona, Rota, Puerto Real, Chiclana de la Frontera, Lebrija u San José del Valle deliminata fil-Lvant mill-meridjan 5° 49' lejn il-Punent ta' Greenwich u fit-Tramuntana mill-parallel 36° 58' tat-Tramuntana. L-inbejjed protetti jridu jiġu mqaddma fil-kantini tal-inbid li jinsabu fil-muniċipalità ta' Sanlúcar de Barrameda.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

PALOMINO

PALOMINO FINO - LISTÁN BLANCO

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Inbid u nbid likur

Il-prodotti fil-kategorija 1 "Inbid" u dawk taħt il-kategorija 3 "Inbid likur" għandhom l-istess rabta mal-oriġini tagħhom, peress li d-differenza bejniethom hija limitata għal jekk tintużax jew le l-prattika enoloġika tradizzjonali tat-tqawwija tal-inbid, li f'ċerti nbejjed protetti tista' tiġi sostitwita b'tekniki tradizzjonali oħra bħal "asoleo" (tnixxif bix-xemx) biex jinkisbu l-livelli ta' qawwa alkoħolika meħtieġa għal kull tip ta' nbid.

Il-karatteristiċi tal-inbejjed huma influwenzati ħafna mill-fatturi naturali u umani taż-żona u huma komuni kemm għall-prodotti tal-kategorija 1 kif ukoll għall-kategorija 3, peress li t-tnejn li huma jikkondividu l-istess rabta mal-oriġini, bl-unika differenza bejniethom tkun jekk tintużax il-prattika ta' tqawwija tal-inbid jew le.

L-ambjent ġeografiku għandu impatt dirett fuq il-qawwa alkoħolika u l-aċidità tal-inbejjed, li normalment ikunu moderati, għalkemm dan jiddependi fuq il-prattiki kulturali speċifiċi applikati. B'mod ġenerali, in-nuqqas kważi totali ta' xita matul il-biċċa l-kbira taċ-ċiklu tat-tkabbir tal-pjanta, l-irjieħ xotti prevalenti mil-Lvant u l-kapaċità għolja taż-żamma tal-indewwa tal-ħamrija "albariza" jirriżultaw fi ħsad f'saħħtu u ta' kwalità għolja ta' sajran eċċellenti. Il-ħamrija ġibsija li teżisti fir-reġjun tipproduċi nbejjed eleganti u mimlija togħma, b'korporatura tajba u aċidità moderata li tiżviluppa tajjeb ħafna maż-żmien, li tippermetti l-produzzjoni ta' nbejjed "generoso" b'livelli għoljin ta' tqaddim f'xi każijiet.

L-użu ta' varjetajiet indiġeni tradizzjonali adattati bis-sħiħ għall-ħamrija u l-klima taż-żona jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' dawn l-inbejjed. Matul is-sekli l-vitikulturi identifikaw il-varjetà tal-għeneb l-aktar adattata kemm għall-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima kif ukoll għall-proċessi partikolari tal-produzzjoni u tat-tqaddim li għalihom hija soġġetta: il-varjetajiet Listan Blanco (magħrufa wkoll bħala Palomino Fino) u Palomino jagħtu lok għal inbejjed b'aromi qawwija tal-art u li jeqdiemu b'mod partikolarment tajjeb.

It-tqaddim bijoloġiku, jiġifieri t-tqaddim taħt rita tal-ħmira "flor", huwa servut eċċezzjonalment tajjeb mis-sistema dinamika tradizzjonali ta' "criaderas y soleras" kif ukoll mil-livelli għoljin ta' umdità miksuba billi jiġu sfruttati ż-żiffiet regolari ta' billejl mill-Atlantiku li tiffaċilita l-arkitettura tradizzjonali tal-fabbriki tal-inbid ta' Sanlúcar.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti oħra)**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Ippakkjar fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-karatteristiċi partikolari u l-kwalità tal-inbejjed u sabiex jiġi evitat id-deterjorament organolettiku potenzjali li jirriżulta mit-trasport lejn żoni oħra, l-ibbottiljar irid isir fiż-żona tal-produzzjoni demarkata.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

It-tikketti użati għall-inbejjed protetti jridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli, kif ukoll mal-Anness 3 ta' din l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Dan japplika kemm għad-dettalji obbligatorji kif ukoll għal dawk fakultattivi fuq it-tikketti.

Il-fliexken irid ikollhom siġilli ta' kwalità maħruġa mill-Kunsill Regolatorju jew tikketti sekondarji li juru marka distintiva u kodiċi ta' identifikazzjoni alfanumeriku, f'konformità mar-regoli stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju. L-unità ġeografika akbar "Andalucía" tista' tiġi indikata fuq bażi fakultattiva.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://lajunta.es/4svba